**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU WIEĦED U ĦAMSIN**

**8 TA' AWWISSU, 2018**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato u Kevin Sam Farrugia.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **51.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 51.1.1 | | IL-membru Marilyn Sammut infurmat li ma tistax tattendi minħabba li ser tkun imsiefra. |
| | | |
| | | |
| **51.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 51.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħamsin –il seduta. |
| ***51.3*** | | ***SUĠĠERIMENTI U LMENTI*** |
| | | |
| 51.3.1 | | Iċ-Chairperson Pierre Farrugia mar mal-membru Kevin Sam Farrugia jara s-suġġeriment li sar fl-aħħar seduta - Jiżdiedu d-double yellow lines fi Triq it-Torri faċċata ta' garaxx ghax it-triq dejqa u ma jkunx jista joħroġ il- |

| | | |
|---|---|---|
| | | vettura tiegħu. – Ma kienx hemm qbil għax l-istess sitwazzjoni tinsab tul it-triq kollha.<br><br>• Fi Triq it-Torri kantuniera ma Triq in-Nigret jeħtieġ li issir mera żgħira ħafna u 'U' bar fil-kantuniera, minħabba l-periklu tal-vetturi li hemm fl-akwata. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>• Hemm bżonn patching fejn iċ-ċimiterju - L-ordni saret imma l-kuntrattur għadu ma ġiex. |
| | | |
| 51.3.2 | | Il-Viċi Chairperson Maria Schembri talbet:<br>• biex jitpoġġa dog bin fi Triq is-Sardinell – Kien hemm qbil li jinġieb il-post eżatt ta' fejn irid jitwaħħal il-bin.<br>• Vettura ħadra ilha pparkjata fi Triq Kalang Bugeja, kollha ċitazzjonijiet imwaħħla u baqgħet ipparkjata. Kien hemm qbil li jsir rapport. |
| | | |
| 51.3.3 | | Il-membru Kevin Sam Farrugia ssuġġerixxa li jitpoġġa velenu tal-ġrieden fi Triq il-Luq. Kien hemm qbil li jsir rapport. |
| | | |
| ***51.4*** | | ***Data u ħin tas-seduta li jmiss*** |
| | | |
| 51.4.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15. Il-membri preżenti qablu li id-data tal-laqgħa li jmiss tkun l-Erbgħa 5 ta' Settembru, 2018 fil-17:30. |

Konfermati, illum __5____ ta' SETTEMBRU, 2018.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**